## KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ

**AGENDA NUMRU 26 – 7 ta' Jannar 2010**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija u saret Agenda 26.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dominic Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr. Peter Micallef | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | Rosario Cortis | Kunsillier |
| Skużati: | George Cortis | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ghal din il-laqgha attendew; Mr. Theo Gatt, Mr. Troy Zammit, Mr. Claudio Sultana, Mr Daniel Cilia li jiffurmaw parti mill-Kunsill Lokali taz-zghazagh, u Ms. Lydia Grech li qeghdha tassisti dan il-progett f' isem il-ministeru. | |

Is-Sindku Alfred Grixti talab sospensjoni tal-Agenda sabiex il-Kunsill jibda jiddiskuti item 14 tal-Agenda dwar il-Kunsill Lokali taz-Zghazagh sabiex iz-zghazagh li attendew ma jdumux hemm. Kien hemm qbil dwar dan.

### 14. KUNSILL LOKALI TAZ-ZGHAZAGH

14.1. Is-Sindku Alfred Grixti talab lill-membri tal-Kunsill Lokali taz-Zghazagh sabiex jintroducu ruhhom u l-karigi taghhom. Il-Kunsill Lokali taz-Zghazagh huwa kompost hekk; Theo Gatt bhala Sindku, Troy Zammit bhala kaxxier, Claudio Saliba bhala PRO u Daniel Cilia bhala segretarju.

14.2. Is-Sindku Alfred Grixti stieden lill-Kunsilliera sabiex jintroducu ruhhom u jispjegaw ir-responsabiltajiet taghhom.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Agenda 25 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Mario Borg. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Joe Ciantar u Rosario Cortis

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-minuti gew approvati hekk kif prezentati (22).

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti ghamel referenza ghal punt 2.10.9 tal-minuti u talab li jikkjarifika li l-membru sostitut nominat fil-kumitat tal-evalwazzjoni u aggudikazzjoni tat-tenders jidhol parti minnu biss fl-eventwalita li l-kunsillier Peter Micallef jigi elett fil-parlament u li f' dan il-kumitat trid tibqa tigi rispettata l-maggoranza politika li tmexxi l-kunsill hekk kif isir fil-public accounts committee tal-parlament.

1.3. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jaqra statement dwar is-suggeriment li ghamel fl-ahhar laqgha dwar is-suggett tal-membru osservatur fil-kumitat tal-evalwazzjoni u aggudikazzjoni tat-tenders. Dan l-istatement jinsab anness ma' dawn il-minuti.

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

2.1. Is-Sindku Alfred Grixti talab li jaghmel zewg kjarifiki fuq it-tqassim tad-dekasteri. Huwa qal li ghalkemm wiehed jista jqis li l-gemellaggi jaqghu taht l-item tal-kultura, hekk tkun qieghed iggebbed wisq it-tifsira tal-kelma kultura u ghalhekk huwa xorta wahda xtaq jispecifika li l-gemellaggi jaqghu taht ir-responsabilta diretta tieghu. Is-Sindku kompla jghid li huwa jixtieq li t-trasport pubbliku jigi nkluz fid-dekasteru tal-kunsillier Rosario Cortis fid-dawl tal-esperjenza tieghu fil-qasam u fid-dawl tar-riforma tat-trasport pubbliku li se tolqot ir-rotta ta' Haz-Zebbug. Is-Sindku qal ukoll li d-dekasteru tal-Vici Sindku ghandu jitqies li jinkludi fih ukoll l-ordni pubbliku.

2.2.1 Il-Kunsillier Mario Borg informa lill-Kunsill li kien kellem lis-sur Steve Borg mid-dipartiment tal-libreriji pubbliki li kien ghaddej bi process ta' tnaqqija tal-kotba tal-librerija, fejn kien qieghed jaghzel bejn il-kotba li ghadhom fi stat tajjeb u dawk li ma kienux tajbin. Il-Kunsillier Borg spjega li skond is-

sur Borg il-librerija kellha hafna fejn tizviluppa u titjieb specjalment meta mqabbla ma lokalitajiet ohrajn u li bi ftit investiment is-sitwazzjoni tista titijieb hafna. Il-Kunsillier Borg kompla jghid li kien hemm lok ghal xkaffar gdid filwaqt li kien hemm is-suggeriment li jitnehha d-divisorju sabiex il-librerija tikber.

2.2.2. Il-Kunsillier Duncan Bartolo spjega li bhala progett tal-Kunsill Lokali taz-Zghazagh kien hemm il-hsieb li jsir refurbishment tal-librerija u kien hemm il-hsieb li ssir quiet area u internet access point fil-post jekk jigi approvat il-progett propost mill-Kunsill taz-Zghazagh ta' Haz-Zebbug. Kien hemm qbil li l-Kunsill taz-Zghazagh jibqa jahdem fuq dan il-process permezz tal-ghajnuna tal-kunsillier Duncan Bartolo u l-Kunsillier Rosario Cortis li kien se jghin sabiex tigi disinjata pjanta.

2.2.3. Il-Kunsillier Emanuel Agius dahal fis-7.30pm.

2.2.4. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-Kunsill kellu jikkunsidra l-idea li kull sena jalloka somma apposta ghal xiri ta' kotba ghal-librerija. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li meta kien l-iskola kienet issir bhal fiera tal-ktieb fejn il-genituri kienu jixtru l-kotba u dawn jinzammu ghal-liberija tal-iskola. Huwa ssuggerixxa li ssir xi haga simili fejn jittellghu stands fil-pjazza fejn jinbieghu l-kotba u kull euro li jintefaq il-kunsill jiffinanzja euro iehor ghal xiri ta' kotba fil-librerija.

2.3. Il-Kunsillier Emanuel Agius skuza ruhu mal-Kunsill li ma rnexxielux ilahhaq l-inizjattiva tal-backlit posters sal-Milied. Huwa qal li kien se jkompli jahdem fuq l-inizjattiva. Huwa talab li jkun jaf jekk il-Kunsill kienx se jkopri l-ispejjez tal-kontijiet relatati ma' dawn il-posters xorta wahda. Is-Sindku wiegeb li l-kontijiet kien se jigu koperti.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Ma tressqqet l-ebda korrispondenza għad-diskussjoni

3.2. Is-Sindku Alfred Grixti gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghal memo mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn kull dokument jew korrispondenza trid tibda tintbaghat permezz tal-email skond il-ligi. Is-Sindku spjega li kien hemm memo ohra fejn tghid li kien se jkun hemm tahrig ghal dawk il-kunsilliera li ma jafux juzaw l-internet u l-email u ghal min ma kellux kompjuter se jkun hemm kompjuter apposta l-Kunsill sabiex il-Kunsilliera jkunu jistghu jiccekjaw l-emails taghhom minn hemm.

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskedi tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Domenic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Emanuel Agius, Joe Ciantar u Rosario Cortis

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-pagamenti gew approvati (23).

4.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghal artiklu li deher fuq is-sit elettroniku di-ve.com u talab lis-segretarju sabiex jiccekja hux l-artiklu kien qieghed jirreferi ghal Haz-Zebbug Malta jew Zebbug Ghawdex.

## 5. RAPPORT LAQGHA MAL-ONOR. CHRIS SAID

5.1. Il-Kunsillier Mario Borg ta' rapport lill-Kunsill dwar dak li gie diskuss fil-laqgha li saret bejn il-Kunsill u l-Onor Chris Said, li ghaliha attendew is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsillier Mario Borg u s-segretarju ezekuttiv. Attenda wkoll il-perit tal-Kunsill is-sur Godwin Agius. Il-Kunsillier Borg elenka s-suggetti diskussi u spjega li kien se jkun qieghed jaghmel follow up fuqhom.

## 6. PREMISES

6.1. Il-Kunsillier Joe Ciantar ghamel referenza ghar-rapport tal-Kunsillier Borg u qal li hu ma kienx tal-idea li l-Kunsill jitlob il-bini tal-skola minhabba li kien antik u kellu bzonn hafna xoghol. Huwa kompla jghid li kellu kuntatti ma persuna li taf li hemm post ghal bejgh fil-pjazza u tkun ideali sabiex tinbidel f' kunsill. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Ciantar jaghmel l-arrangamenti necessarji sabiex il-kunsilliera jaraw din id-dar.

## 7. XOGHOL FIT-TOROQ

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li fil-jiem ta' qabel il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kienet haffret fi Triq l-Ghasfura sabiex jaghmlu xi xoghol minghajr ebda permess tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li ma kienx jaccetta dan l-agir specjalment fid-dawl tal-fatt li t-tarmac f' din it-triq kien

ghadu kif sar. Is-Sindku kompla jghid li kienet inkitbet ittra u ntalbet laqgha.

7.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li bhala parti mill-permess ghat-toroq taz-zona tal-Grazzja l-Kunsill kien qieghed jintalab jibdel il-mains ta' dawn it-toroq u l-ispiza kienet se tizdied bi €28,000. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-Kunsill ma kellux flus sabiex jaghmel din l-ispiza.

7.3. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li dan is-suggett kien se jigi diskuss mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma fil-laqgha li kienet se ssir. Is-Sindku qal li fuq suggeriment tal-perit tal-kunsill kien se jigi propost li jsiru spezzjonijiet fuq il-kundizzjoni tal-main tal-ilma sabiex f' kaz li ma jkunx imkabar dan ma jinbidilx.

## 8. CAMERAS FIL-PJAZZA

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti ghamel referenza ghal minuti u spjega li hekk kif miftiehem fl-ahhar laqgha kien wasal il-mument li l-Kunsill jiehu decizjoni dwar il-camera tal-pjazza. Is-Sindku spjega li kien jinsab disgustat li jkun hemm funeral u jkun hemm hafna karozzi pparkjati bl-addocc u bilkemm ikun hemm access ghat-tebut tant li gieli ntrefa fuq l-idejn.

8.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li meta kien hemm il-purcissjoni tal-muzew tal-Milied gie ostakolat l-access ghaz-zuntier u kien hemm konfuzjoni shiha u n-nies bdew jehduha kontra l-pulizija. Kien hemm diskussjoni bejn il-kunsilliera dwar il-problemi ta' abbuzi ta' sewqan u parkegg b' mod regolari fil-pjazza, kif ukoll vandalizmu fuq tabelli, sinjali u bollards tal-kunsill fejn ftit jiem qabel kien sahasitra tkisser bollard minn ta' quddiem is-salib. Il-Vici Sindku Dominic Cutajar qal li l-Kunsill kien qabel li jiehu decizjoni f' din il-laqgha u ma setax jibqa jittratjeni u jhalli dan il-ksur tal-ligi jippersisti.

8.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq din il-mozzjoni;

Li tigi nstallata camera tal-kumpanija Guard & Warden biex tissorvelja l-osservanza tal-ligijiet fil-pjazza; Li ssir laqgha mal-ispettur biex isiru tat-tabelli li jirregolaw il-hinijiet tal-parking madwar iz-zuntier; Issir introduzzjoni ta' tow zone quddiem iz-zuntier u jigu re-deployed il-wardens f' zoni fejn ikunu qed jidhlu rapport ta' abbuz kontinwu.

Huwa gie sekondat mill-Vici Sindku Domenic Cutajar. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Domenic Cutajar, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg, Joe Ciantar u Rosario Cortis

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Emanuel Agius

Il-mozzjoni giet approvata (24).

## 9. HEALTHFEST

9.1. Il-Kunsillier Mario Borg ressaq quddiem il-Kunsill lista ta' affarijiet li l-Kunsill intalab jiffinanzja jew jipprovdi ghall-attivita Healthfest li l-Kunsill kien qabel li jiffinanzja. Il-Kunsill approva l-affarijiet li ressaq il-Kunsillier Borg.

9.2. Saret diskussjoni fuq id-data tal-attivita u gie maqbul li ssir il-Hadd 21 ta' Marzu filghodu sabiex l-attivita tolqot lill-persuni li jkunu serjin l-quddies. Kien hemm qbil ukoll li bhala parti mill-attivita ssir l-inijzattiva tal-fiera tal-ktieb li ssuggerixxa l-Kunsillier Agius.

9.3. Il-Kunsillier Peter Micallef dahal fid-9pm.

## 10. HAZ-ZEBBUG JISTIEDNEK 2010

10.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li kien wasal iz-zmien li l-Kunsill jibda jahdem fuq l-edizzjoni ta' din is-sena ta' din l-attivita. Huwa qal li xtaq li s-sottokumitat li jiehu hsieb l-attivita jkun maghmul minn hafna kunsilliera u jkun hemm enfazi partikolari li jinzamm kontroll fuq l-infieq. Is-Sindku ssuggerixxa li s-sottokumitat ikun maghmul minnu bhala chairman, l-Vici Sindku Domenic Cutajar, u l-Kunsilliera Duncan Bartolo, Mario Borg u Emanuel Agius.

*10.2.* Is-Sindku Alfred Grixti qal li jixtieq li l-Kunsill jaqbel fuq budget ghal din l-attivita. Huwa semma l-fatt li l-Kunsill kien ircieva €5,000 ghal din l-attivita mill-fond specjali ghall-attivitajiet kulturali. Is-Sindku spjega li huwa kien tal-idea li ghal kull euro li kien se jaghti l-gvern, johrog euro l-Kunsill, jigifieri l-Kunsill jiffinanzja €5,000 huwa wkoll flimkien mal-€5,000 li kien se jaghti l-gvern. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kellu jahdem ukoll sabiex isib l-isponsors ghal din l-attivita sabiex il-budget ikompli jikber. Kien hemm qbil dwar dan. Gie maqbul ukoll li l-ekwivalenti ta' 25% tal-bagit allokat jintefaq fuq reklamar ghall-attivita. Gie deciz ukoll li dawn il-flus ikunu apparti l-€5,000 li se johrog il-Kunsill u li dawn il-flus jingabru mill-isponsors "*over and above"* l-ispiza totali tal-attivita.

## 11. GIEH HAZ-ZEBBUG

11.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien wasal iz-zmien li l-Kunsill jistabilixxi kriterji serji u sodi ta' kif ghandu jigi assenjat il-premju Gieh Haz-Zebbug. Is-Sindku ssuggerixxa li jigi mwaqqaf sotto kumitat li jistabilixxi dawn il-kriterji.

11.2. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li l-kumitat ikun maghmul minn dawn il-persuni; Is-sinjuri Frans Sammut, Ray Cutajar, Tony Cortis, Rita Cuschieri/Borg, u l-Kunsillier Joe Ciantar.

## 12. ISMIJIET TAT-TOROQ

12.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li gie avvicinat mis-sur Salvu Chetcuti li ressaq ix-xewqa tal-familja Mifsud li N/S fi Triq Mikiel Ang Sapiano tissemma ghal Filippu Mifsud. Kien hemm qbil li tingabar ir-ricerka necessarja u jinbeda l-process mehtieg sabiex it-triq tissemma hekk.

## 13. HWEJJEG OHRA JEKK MEQJUSA URGENTI

13.1. Ma tressaq l-ebda punt ghad-diskussjoni.

## 14. AGGORNAMENT

14.1 Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 4 ta' Frar fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-9.35pm.





Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv